# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fil-25 ta' Mejju 2013 għall-ħabta tal-22:20 bħala "persuna li f'ismek ghandek l-istabbiliment Taboo Wine bar ippremettejt li tindaqq muzika amplifikata u dan bi ksur ta l-istess kundizzjonijiet. Art 41(2) Kap 10"

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

F'din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni kitbet bil-linka blu l-Artikolu tal-Liġi li fuqu hija kienet qegħda tiprospetta l-azzjoni tagħha u ċjoe l-Artikolu 41(2) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda minn qari tal-imputazzjoni jirriżulta li l-kliem użat f'din l-imputazzjoni ma jirrifletti bl-ebda mod il-lokuzzjoni tal-Liġi invokata mill-Prosekuzzjoni li tgħid li ħadd ma jista' fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor jew f'kull bini billi jħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem *loudspeaker*, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkella jġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqgħodu f'bini fil-qrib.

Għalkemm huwa minnu li hemm ġurisprudenza paċifika li ċ-ċitazzjoni hija ritenuta bħala "avviso a comparire", mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora li l-azzjoni hija ta' natura penali u għalhekk irid ikun hemm ċerta preċiżjoni fil-mod ta' kif imputazzjoni tiġi redatta u dan sabiex l-imputat ikun jista' jiddefendi ruħu għaliha. Fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Carmela Micallef*** deċiża mill-Qorti Kriminali sede t'appell nhar is-16 t'April 1955, l-Imħallef William Harding iddeċieda li imputazzjoni trid tirrifletti l-Liġi u ma tistax tkun ritenuta li tissodisfa l-vot tal-Liġi jekk l-imputazzjoni kif formulata ma tkunx issib riskontru għaliha fil-Liġi. Il-Qorti Kriminali kienet tenniet li din il-lokuzzjoni

ibrida ma ssibx korrispondenza fit-test tal-Liġi, la f'inċiż wieħed u l-anqas f'ieħor u meta hu hekk il-konsegwenza hija li "*nullum crimen sine lege*". Għalhekk ikkonkludiet li r-reat irid ikun formulat skont il-Liġi għax altrimenti reat ma hemmx.

Anzi f'dan il-każ intqal u koll li dan kien "bi ksur ta l-istess kundizzjonijiet". Din il-Qorti ma tistax tifhem x'kundizzjonijiet qed issir riferenza għalihom f'din l-imputazzjoni – sakemm il-ħsieb tal-Prosekuzzjoni ma kienx li jimputaw lill-imputat xi reat taħt l-Avviż Legali 1 tal-2006. Iżda anke hemm il-Prosekuzzjoni għandha problema għaliex f'dak il-każ riedet ukoll li kemm jista' jkun tirrifletti dak li dik il-Liġi tipprovdi fl-imputazzjoni tagħha u ma tistax tagħmel imputazzjoni ibrida, li skont is-sentenza hawn fuq ċitata ma tikkreax reat.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni kontestata lilu u kwindi tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***